

# FUQ IL-LANT

Public Works
Department

**HARĠA NRU.6**
**MARZU 2023**

## F' DIN IL-ĦARĠA...


- MESSAĠĠ MIL-MINISTRU
- MESSAĠĠ MIS-SEGRETARJU PERMANENTI
- MESSAĠĠ MID-DIRETTUR ĠENERALI
- INAWGURAZZJONI TA' SPAZJU ĠDID F'TA' QALI
  FTEHIM ĠDID GĦAL ĦADDIEMA TAS-SAĦĦA U S-SIGURTÀ
- TISĦIĦ FIL-UNITS TAL-PWD
  QATT MHU TARD LI TITGĦALLEM
- ARTI FI SPAZJI PUBBLIĊI
- RITRATTI


## MESSAĠĠ MILL-MINISTRU DR STEFAN ZRINZO AZZOPARDI



Għeżież,

F'dawn l-ewwel tliet xhur tas-sena l-ħidma mwettqa mill-ħaddiema tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi fl-ibliet u fl-irħula tagħna kompliet għaddejja bla waqfien. Id-Dipartiment huwa kommess li jibqa' joffri l-għajnuna tiegħu lill-Kunsilli Lokali. Fuq kollox, id-Dipartiment huwa impenjat li jkompli jaħdem fuq proġetti nazzjonali li jagħtu dehra isbaħ lil pajjiżna.

Proġett li diġà qed jitgawda mill-familja huwa l-Park Nazzjonali ta' Malta f'Ta' Qali. Frar li għadda saret it-tnedija tal-Ispazju għall-Arti ġdid fil-park. B'dan il-mod il-Park Nazzjonali se jkun jista' jintuża wkoll mill-artisti. Bħalissa għaddej ukoll ix-xogħol fiż-żona l-ġdida ta' parkeġġ ġewwa Ta' Qali. Il-parkeġġ se jkun jikkonsisti f'żewġ sulari taħt l-art filwaqt li s-saqaf se jiġi mgħammar b'faċilitajiet għall-isports tar-roti. Dan se jkun qed jikkumplimenta ż-żona tal-kunċerti waqt avvenimenti kbar billi joffri spazju ta' parkeġġ għal 500 vettura. Xtaqt nirringrazzja lill-ħaddiema tax-Xogħlijiet Pubbliċi tal-kontribut siewi tagħhom f'dan il-proġett ambizzjuż.

Id-Dipartiment jibqa' impenjat li jissalvagwardja u jħares il-wirt arkitettoniku Malti. Huwa għalhekk li matul is-sena, ix-xogħol ta' restawr u manutenzjoni fuq knejjes u binjiet oħra, jibqa' għaddej b'mod kontinwu. F'dawn l-ewwel tliet xhur tas-sena tkomplew att ta' proġetti f'diversi lokalitajiet f'pajjiżna. Ix-xahar li għadda tkompla ix-xogħol ta' manutenzjoni fuq soqfa eżistenti li jinstabu fi stat perikoluż taħt iz-zuntier tal-Knisja Parrokjali taż-Żurrieq. Riċentament tneħħa x-xaft u s-saqaf tal-mitħna tax-Xarolla biex ix-xaft ikun jista' jinħadem mill-ġdid wara li kien ġarrab ħsarat bil-maltemp tas-sena l-oħra. Dan ix-xogħol se jkun qiegħed isir mill-ħaddiema tad-Direttorat tal-Manifattura u Servizzi fi ħdan id-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi.

Barra minn hekk, beda xogħol ta' restawr fuq iz-zuntier tal-Knisja ta' Sant'Antnin ta' Padova f'Għajn Dwieli. Mill-banda l-oħra, id-dipartiment kompla għaddej b'xogħol ta' tisbiħ u rinovar ta' ġonna u spazji miftuħa fosthom ġnien il-Kunsill fiż-żona tal-Papa Birżebbuġa kif ukoll ġnien George Zarb f'San Ġwann. B'dan il-mod qed nagħtu dehra isbaħ il-lokalitajiet tagħna u fl-istess waqt qed nassiguraw li l-ispazji naturali u ta' rikreazzjoni jkunu mgħammra b'faċilitajiet aktar moderni u jkunu aktar aċċessibbli għall-pubbliku.

## MESSAĠĠ MIS-SEGRETARJU PERMANENTI, IS-SUR CARLOS TABONE



Ftit tal-jiem oħra 'l bogħod mid-data ta' din il-pubblikazzjoni timmarka l-ewwel sena tal-ħidma tiegħi f'din il-kariga f'dan il-Ministeru. Pożizzjoni, li resqitni eqreb tal-ħidma tagħkom u x-xogħol li jsir mid-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi.

F'dawn l-aħħar xhur apprezzajt il-firxa wiesgħa ta' professjonijiet, ħila u sengħa li flimkien jgħammru dan id-Dipartiment. Dipartiment bi storja li tieħdu lura s-snin u b'potenzjal li jkompli jwettaq u saħansitra li possibilment, ikompli jimraħ lil hinn minn dak li llum mdorrijin fih.

Tħoll u torbot hija r-rieda tagħkom il-ħaddiema li flimkien taffrontaw l-ostakli li niltaqgħu magħhom fit-tfassil tal-proġetti, fl-implimentazzjoni u anke, fuq il-lant tax-xogħol. Aktar ma naħdmu flimkien lejn l-għanijiet li jaqgħduna aktar niksbu suċċessi. Mhux għalina! Iżda għal pubbliku li għalih niddedikaw il-ħidma tagħna. Ħidma, li tissarraf fi proġetti għal ġid tal-pubbliku.

Inħares 'il quddiem biex flimkien inkomplu nġeddu u nimmodernizzaw dan id-Dipartiment kemm għal prestiġju tagħkom il-ħaddiema iżda mhux l-inqas, għal klijenti tagħna li meta jfittxu s-servizzi li joffri dan id-Dipartiment jaraw biss kwalità, sengħa u ħila.

## MESSAĠĠ MID-DIRETTUR ĠENERALI, IL-PERIT STEPHEN BONELLO



Bdejna sena ġdida u d-Dipartiment tax-Xogħlijiet baqa' għaddej bil-ħidma tiegħu. Il-ħaddiema tad-Direttorat għall-Implementazzjoni tal-Proġetti komplew jaħdmu fil-qalba tal-komunitajiet tagħna biex inkomplu ntejbu u nagħmlu d-differenza kemm lir-residenti kif ukoll lill-pubbliku.

Fost il-ħafna xogħlijiet, insemmu numru ta' proġetti ta' spazji miftuħa bħal Ġnien Bir l-Iljun fir-Rabat, Ġnien il-Kunsill f'Birżebbuġa u Ġnien George Zarb f'San Ġwann.

Miexi ġmielu wkoll ix-xogħol fuq it-tiswija tal-Mitħna tax-Xarolla fiż-Żurrieq mill-mastrudaxxi tad-Direttorat għall-Manifattura u s-Servizzi, u jekk kollox imur kif ippjanat għandna nergħu naraw din il-mitħna fl-istat oriġinali tagħha sal-aħħar t'April.

Apparti dawn li semmejt, hemm ħafna xogħlijiet oħra li qegħdin jitwettqu. Għalhekk nixtieq li nirringrazzja lil kull wieħed u waħda minnkom għax bl-għaqal u bil-ħidma tagħkom qed jirnexxielna nagħmlu proġetti għal ġid tal-pubbliku.

### PEOPLE (HR) SUPPORT CONTACT:

Ħolqiet li tajjeb tkun taf bihom:

Employee Support Programme:
https://publicservice.gov.mt/en/people/ESP/Pages/Home.aspx

Il-profil personali tiegħek tax-xogħol:
https://ns.gov.mt/#/

Żomm ruħek aġġornat b'dak li jkun għaddej fil-PWD permezz tal-paġna tagħna fuq FB:
https://www.facebook.com/publicworksdepartmentmalta

## INAWGURAT SPAZJU ĠDID FIL-PARK NAZZJONALI TA' MALTA F'TA' QALI



Fi Frar kien inawgurat l-iSpazju għall-Arti u t-Teatru fil-Park Nazzjonali ta' Malta, f'Ta' Qali, li se jkun qed jintuża bħala post fejn isiru produzzjonijiet kulturali, fosthom wirjiet u spettakli teatrali. Se jservi wkoll bħala spazju għall-artisti fejn jistgħu jesebixxu x-xogħol artistiku tagħhom għall-pubbliku.

It-tlestija ta' din iż-żona hija fażi oħra mill-proġett tal-Park Nazzjonali ta' Malta f'Ta' Qali li qed jiġi kkordinat mid-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi u huwa wieħed mill-akbar proġetti ta' spazju miftuħ f'pajjiżna.

Fl-istess Spazju għall-Arti u t-Teatru, id-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi b'kollaborazzjoni mal-Mużew tal-Avjazzjoni bħalissa qed itella' esebizzjoni ta' pjanti u ritratti antiki li juru l-istorja tal-iżvilupp taż-żona ta' Ta' Qali tul iż-żminijiet.

Il-pubbliku jista' wkoll jara esebizzjoni oħra tal-illustrazzjonijiet grafiċi mill-kotba tal-awtur rinomat Trevor Zahra, li ismu huwa sinonimu mal-kotba għat-tfal.





## IFFIRMAT FTEHIM ĠDID GĦAL ĦADDIEMA TAS-SAĦĦA U S-SIGURTÀ

Il-Ministeru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar u l-Union Ħaddiema Maqgħudin (UĦM), iffirmaw ftehim settorjali ġdid li se jkun qed ikopri l-uffiċjali tas-saħħa u s-sigurtà fi ħdan is-Servizz Pubbliku.



Il-parti l-kbira ta' dawn il-ħaddiema jinsabu fil-Ministeru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar u xogħolhom jinvolvi l-ħarsien tas-saħħa u sigurtà tal-ħaddiema fuq il-lant tax-xogħol.

Dan il-ftehim se jara titjib fil-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-impjegati, jiġifieri, titjib fl-istruttura tas-salarji, benefiċċji ġodda u kundizzjonijiet aħjar tax-xogħol.

AQRA IKTAR HAWN

# TISĦIĦ FIL-UNITS TAL-PWD

Biex il-PWD ikompli jibqa' relevanti u jaġġorna ruħu mat-teknoloġija tal-lum, fil-**Maintenance and Monitoring Unit** bħalissa għaddej proġett pilota li beda f'Jannar. In-nies fi ħdan il-unit issa huma mgħammra b'mobile device biex jagħmlu xogħol ta' moniteraġġ. Dan mhux se jkun iffukat biss fuq xogħlijiet ta' tarmac u toroq arterjali iżda se jkunu qed iżuru wkoll siti li għandhom bżonn manutenzjoni, u li x-xogħlijiet meħtieġa jaqgħu taħt ir-remit ta' dan id-dipartiment. Ir-ritratti li jittieħdu huma geotagged u jidħlu mal-ewwel fis-sistema kompjuterizzata fejn hawnhekk jitqassam ix-xogħol li jkun hemm bżonn isir. Dan sabiex nissimplifikaw il-proċessi permezz tat-teknoloġija mingħajr ma' tittiefes il-governanza fil-proċess.



Ser ikun qed jiġi rivedut il-framework tal-**Project Monitoring Unit** sabiex jissaħħaħ l-operat bil-għan li titjieb l-implimentazzjoni u kordinament aħjar tal-proġetti assenjati lid-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi.

Id-**Direttorat tal-Project Design and Engineering** ukoll se jkun qed jgħaddi minn fażi ta' ristrutturar biex jaqdi aħjar il-funzjonijiet tiegħu b'aktar effiċjenza u struttura.

L-estenzjoni tax-shift għas-sezzjonijiet kollha tad-**Direttorat tal-Manifattura u Servizzi**, involuti kemm fil-manifattura ta' oġġetti mill-injam, ħadid jew aluminju, kif ukoll servizzi ta' tiswijiet u manutenzjoni, tagħti flessibiltà biex ix-xogħol jibqa' għaddej f'ħinijiet li qabel ma kienx possibbli. Barra minn hekk, jista' jsir kordinament aħjar fix-xogħlijiet peressli issa, ħaddiema minn sezzjonijiet differenti, jistgħu jkunu preżenti fl-istess ħin u għalhekk, id-deċiżjonijiet jistgħu jittieħdu aktar malajr.






# QATT MHU TARD LI TITGĦALLEM



It-taħriġ huwa parti essenzjali mill-karriera ta' uffiċjal pubbliku biex dan jibqa' mgħarraf mal-aħħar żviluppi fis-settur, u sabiex itejjeb il-ħiliet tiegħu bl-għan aħħari jkun li jżid il-produttività u l-prestazzjoni tiegħu fuq il-lant tax-xogħol. Is-sezzjoni ta' taħriġ fi ħdan il-People Management Directorate tal-Ministeru tikkordina l-ħin kollu mal-Istitut għas-Servizzi Pubbliċi, l-IPS, biex ħaddiema ġodda jingħataw taħriġ relevanti għal xogħolhom. Dan it-taħriġ jingħata kemm lil dawk li jaħdmu fl-uffiċċju kif ukoll lil dawk li xogħolhom huwa manwali.

Minn żmien għal żmien isir ukoll taħriġ mill-ġdid biex dawk li jinsabu fl-iktar gradi baxxi tas-servizz pubbliku jkunu jistgħu jitilgħu għal skala aħjar mat-tlestija ta' dawn il-korsijiet.

Bħalissa s-sezzjoni ta' taħriġ tal-Ministeru qed tara biex tiddentifika lil dawk il-ħaddiema tagħna li jaċċessaw siti ta' kostruzzjoni, biex isirilhom it-taħriġ neċessarju ħalli tkun tista' tinħarġilhom il-Health and Safety Card u l-iSkill Card. Din is-sezzjoni tara wkoll li flimkien mal-IPS iġġib fil-Ministeru studenti minn diversi istituzzjonijiet edukattivi u tatiehom opportunità jaħdmu magħna.



### ARTI FI SPAZJI PUBBLIĊI
## RESILIENCE

L-ispirazzjoni artisitka wara 'Resilience', tal-artist Ivan Coleiro, ġejja minn fergħa ta' siġra li tkun mietet jew kważi mejta u li fiha żżomm l-aktar ammont ta' annimali ħajjin, pjanti u fungus fin-natura.

Il-post propost għaliha huwa fil-Park Nazzjonali f'Ta' Qali u l-immaġini tagħha hija dik ta' siġra li waqgħet, u grazzi għan-natura trasformat ruħha fi pjattaforma għal varjetà ta' forom ġodda tal-ħajja. Din il-proposta ta' arti tiċċelebra propju r-reżiljenza tan-natura.

### ARTI FI SPAZJI PUBBLIĊI
## POET TREE

Poet-Tree tal-iskultur Paolo Giordanella hija proposta biex tkun punt ta' referenza għal żona biex wieħed jikkontempla, jirrifletti u jkun kreattiv. L-għasfur solitarju ifakkarna li kulħadd għandu bżonn post fejn jirrifletti, fejn isib appoġġ, biex japprezza u jispira ruħu.

Il-post għal din l-arti qed ikun propost propju li jkun fejn il-librerija pubblika u l-amfiteatru li hemm propost għaż-żona fil-lokalità ta' San Lawrenz f'Għawdex.





### ARTI FI SPAZJI PUBBLIĊI
## QALB IX-XEWK

'Qalb ix-Xewk', installazzjoni tal-kumpanija tal-arkitetti I+A Architects, hija mera tal-isfidi li jaffaċjaw n-nisa. Din l-installazzjoni se tkun fi Ġnien l-Indipendenza f'Tas-Sliema u se tkun qed tfakkar il-memorja ta' Paulina Dembska li nqatlet f'dan il-ġnien, u se jservi ta' tfakkira tal-femiċidji li s-soċjetà tagħna qed taffaċċja.

Ix-xewk ta' barra jirrappreżentaw ir-riskji li n-nisa jsibu ruħhom fil-ħajja ta' kuljum, u l-ħġieġ fil-qofol tal-istruttura jirrapreżentaw il-fraġilità u l-purità. Din l-arti se tkun qed tikkomunika għal iktar għarfien fuq l-atti kriminali li seħħew u tfakkira fil-vittmi.

## WARA L-MALTEMP






## GĦAJNUNA LIT-TURKIJA





## COASTAL CONFERENCE




